31958Q1101

IL-KUNSILL

L-ISTATUTI TA' L-AGENZIJA FORNITRICI EURATOM

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITA EWROPEA GHALL-ENERGIJA ATOMIKA

Wara li kunsidra l-Artikolu 54 tat-Trattat;

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

IDDECIEDA:

L:i jistabbilixxi l-Istatuti ta' l-Aġenzija Fornitriċi Euratom kif ġejjin:

Artikolu I

Isem u għan

1. L-Aġenzija stabbilita mill-Artikolu 52 u l-Artikoli sussegwenti tat-Trattat tal-25 ta' Marzu 1957 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat") għandha tissejaħ "Aġenzija Fornitriċi Euratom" (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija").

2. L-għan esklusiv ta' l-Aġenzija għandu jkun it-twettiq talkompiti assenjati lilha mit-Trattat. Għandha tkun regolata middispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' dawn l-Istatuti. Kull diffikultà li tista' tirrizulta mill-interpretazzjoni ta' l-Istatuti għandha tiġi risolta permezz ta' riferenza għall-iskopijiet assenjati lill-Aġenzija mit-Trattat.

Artikolu II

Natura ġuridika u kapaċità

1. L-Aġenzija għandha personalità ġuridika.

2. F'kull Stat Membru l-Aġenzija għandha tġawdi kapaċità ġuridika mill-aktar estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skond il-liġi pubblika u privata. Tista' b'mod partikolari takkwista u tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli, tikkonkludi kuntratti, tagħti garanzija reali jew personali, taġixxi bħala sensar, aġent awtorizza jew aġent tal-kummerċ, tkun parti fi proċeduri ġudizzjarji, tiftiehem li tmur għall-arbitraġġ, teffettwa transazzjonijiet u operazzjonijiet kummerċjali u tagħmel kull regolament li jkun meħtieġ għall-adempiment tal-kompiti tagħha.

Tista' wkoll issellef bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn l-Istatuti.

3. L-Aġenzija għandha teżerċita l-attivitajiet tagħha esklussivament fl-interess ġenerali. Għandha topera fuq il-bażi li ma tagħmilx profitt.

4. L-aġenzjoni għandha tkun rikonoxxuta bħala istituzzjoni b'natura ta' interess pubbliku.

Artikolu III

Sedi

1. Is-sedi ta' l-Aġenzija għandha tkun fil-belt li fiha l-Kummissjoni għandha s-sedi tagħha.

2. L-Aġenzija tista' bil-kunsens tal-Kummissjoni tistabbilixxi fergħat.

Tista' fuq l-inizjattiva tagħha tiehu kull miżura oħra rigward l-organizzazzjoni tagħha interna li tkun meħtieġa għall-adempiment tal-kompiti tagħha kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-komunità. Tista' b'mod partikolari taħtar aġenti u tistabbilixxi depots.

Artikolu IV

Zmien

L-ebda perjodu ma huwa stabbilit għall-eżistenza ta' l-Aġenzija.

Skond l-Artikolu 76 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet tal-kapitolu VI rigward forniturі għandhom ikunu konfermati jew emendati fit-tmiem tal-perjodu stabbilit f'dak l-Artikolu.

Artikolu V

Kapital

1. Il-kapital ta' l-Aġenzija għandu jammonta għal 2 400 000 unità ta' kont ta' l-EPU.

2. Il-kapital għandu jkun maqsum skond l-iskala li ġejja:

Belġu	8
Ġermanja	28
Franza	28
Italja	28
Olanda	8

3. Rata ta' 10 % tal-kapital għandha titħallas lill-Aġenzija fi żmien tletin jum mid-dħul fis-seħħ ta' dawn l-Istatuti. Rati ulterjuri tal-kapital għandhom jissejħu permezz tad-deċizjoni tal-Kunsill li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mingħand il-Kummissjoni. Madankollu għandu jkun hemm obbligazzjoni ġuridika skond dawn l-Istatuti li jsir ħlas safejn ikun meħtieġ biex jintaqgħu l-obbligazzjonijiet ta' l-Aġenzija fir-rigward tal-krediturі tagħha. Id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun minnufih ikkomunikata lill-Istati sottoskritti. L-ammont ta' rati msejjaħ għandu jitħallas lill-Aġenzija fi żmien tletin jum wara dik id-deċiżjoni.

4. Parteċipazzjoni fil-kapital ma jagħtix dritt għall-vot jew titolu għal divident jew imgħaxijiet. Għandu jagħti d-dritt ta' ħlas lura ta' l-ammont nominali tar-rati tal-kapitali msejjaħ unikament fl-eventwalità li l-Aġenzija tkun likwidata.

5. Il-ħlas kollha tal-kapital għandhom isiru fil-munita nazzjonali ta' l-Istat sottoskritt.

6. Jekk il-parità tal-munita ta' Stat Membru in relazzjoni ma' l-unità tal-kont definita hawn fuq tkun ridotta, dak l-Istat għandu jaġġusta proporzjonatament skond il-bdil fil-parità ta' l-ammont fis-sehem tal-kapital sottoskritt billi jagħmel ħlas supplimentari lill-Aġenzija li għandu jkun limitat għall-ammont ta' l-assi li effettivament huma detenuti fil-munita ta' dak l-Istat. Il-ħlas għandu jsir fi żmien xahrejn.

7. Jekk il-parità tal-munita ta' Stat Membru in relazzjoni ma' l-unità ta' l-akkont hawn fuq definita tkun miżjuda, l-Aġenzija għandha taġġusta proporzjonatament skond il-bdil fil-parità ta' l-ammont tas-sehem tal-kapital sottoskritt minn dak l-Istat permezz ta' ħlas lura lil dak l-Istat li għandu jkun limitat għall-ammont ta' l-assi li effettivament huma detenuti fil-munita ta' dak l-Istat. Il-ħlas għandu jsir fi żmien xahrejn.

Artikolu VI

Piżijiet

1. L-Aġenzija għandha timponi piż, li r-rikavat tiegħu għandu jintuża esklussivament sabiex tissupplixxi għall-ispejjeż tagħha ta' ħaddim.

2. Il-piż għandu jkun fuq operazzjonijiet li fihom l-Aġenzija tipparteċipa billi tezerċita d-dritt tagħha ta' għazla jew id-dritt tagħha esklussiv li tiffinaliżża kuntratti ta' fornitura.

3. Ir-rata tal-piż għandha tkun stabblita b'mod li tissuplixxi għall-ispejjeż tagħha ta' ħaddim.

Kull eċċess li jibqa' mir-rikavat tal-piż wara d-deduzzjoni ta' l-ispejjeż ta' ħaddim kif aċċertat fit-tmiem tas-sena finanzjarja għandu jitħallas fil-fond ta' riserva.

Kulmeta jirrizulta fit-tmiem ta' sena finanzjarja li l-ammont tal-fond ta' riserva jeċċedi l-ispejjeż ta' ħaddim f'dik is-sena, ir-rata ta' piż għandha tkun riveduta sabiex tkun evitata li sitwazzjoni simili sseħħ fit-tmiem tas-sena ta' wara.

4. Ir-rata ta' piż u l-metodi li permezz tagħhom għandha tkun eżaminata u migbura, għandhom wara konsultazzjoni mal-Kunsill, ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni li taġixxi fuq proposta tad-Direttur Ġenerali li jkun kiseb minn qabel l-opinjoni tal-kumitat konsultattiv imsemmi fl-Artikoli X.

Artikolu VII

Organizzazzjoni finanzjarja

1. L-Aġenzija għandha jkollha awtonomija finanzjarja. Għandha topera skond ir-regoli kummerċjali.

2. L-Aġenzija għandha tkun f'kull zmien intitolata li tittrasferixxi l-assi li tiddetjeni fil-munita ta' Stat Membru f'munita ta' Stat Membru iehor sabiex għall-adempiment ta' l-operazzjonijiet finanzjarji li jaqblu mal-għanijiet kif definiti fit-Trattat u li jkunu konsistenti ma' dawn l-Istatuti.

L-Aġenzija għandha safejn ikun possibbli tevita li tagħmel dawn it-trasferimenti jekk għandha flus jew assi likwidi fil-munita meħtieġa.

L-Aġenzija tista' tuża l-fondi li ma jkollhiex bżonn minnufih għall-iskopijiet li timplimenta l-obbligazzjonijiet tagħha, fil-modi li ġejjin:

(a) tista' tinvesti fis-swieq monetarji;

(b) tista' tesegwixxi kull operazzjoni finanzjarja oħra relattata ma' l-għan tagħha.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu, l-Aġenzija, fl-immaniġġjar ta' l-investimenti tagħha, ma għandhiex tidħol f'arbitraġġ monetarju li ma jkunx direttament meħtieġ għall-adempiment tal-kompiti tagħha.

3. L-Aġenzija għandha titlob lix-xerrej li jħallas fil-munita meħtieġ mill-Aġenzija bl-iskop li jkun hemm adempiment ta l-operazzjoni rilevanti.

4. L-Aġenzija tista' tiddisponi liberament minn fondi fil-muniti ta' terzi pajjiżi, li tkun inkisbet permezz ta' self li tkun ħadet f'dawk il-pajjiżi.

5. L-Aġenzija tista' ssellef mis-swieq finanzjarji internazzjonali l-fondi meħtieġa għall-adempiment tal-kompiti tagħha.

Wara li tkun ikkonsultat il-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limiti li fihom l-Aġenzija tista' tikkontratta dwar self għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn. Għas-self li jkunu għal perjodu 'l fuq minn sentejn l-Aġenzija għandha tikseb permezz tal-Kummissjoni l-approvazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalitfikata f'kull każ individwali.

L-Aġenzija tista' ssellef fis-swieq finanzjarju ta' Stat Membru bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li tapplika għas-self intern jew, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jeżistux f'Stat Membru, wara li jkun intlaqa' ftehim bejn dan l-Istat Membru u l-Aġenzija fir-rigward tas-self propost.

Il-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru jista' jkun rifjutat biss fil-każijiet fejn disturb gravi jista' ikun ikkawżat lis-swieq finanzjarji ta' dak l-Istat.

6. L-obbligazzjonijiet aċċettati mill-Aġenzija skond dawn l-Istatuti huma garantiti mill-Komunità Ewropea dwar l-enerġija atomika.

7. Fil-oqsma li jaqgħu taħt dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandha taġixxi in konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jew mal-banek tagħhom ta' emissjoni.

Artikolu VIII

Setgħat tal-Kummissjoni

1. L-Aġenzija għandha tkun taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni, li għandha tagħtiha direttivi u li għandha d-dritt tal-veto fuq id-deċiżjonijiet tagħha.

2. Id-dritt tal-veto għandu jiskadi wara perjodu ta' sebgħat ijiem wara deċiżjoni ta' l-Aġenzija, kemm-il darba f'dak il-perjodu tkun saret riserva mill-Kummissjoni jew ir-rappreżentant tagħha. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentant tagħha jista' jirrinunzja għad-dritt li jagħmel din ir-riserva qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu.

Meta riserva tkun saret mill-Kummissjoni jew ir-rappreżentant tagħha fiż-żmien preskritt fil-paragrafu precedenti l-Kummissjoni għandha tadotta pożizzjoni definittiva fi żmien ta' mhux aktar minn ħmistas-il jum mid-data li fiha tkun saret ir-riserva.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhom bl-ebda mod jimpedixxu l-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 53 tat-Trattat.

3. Kull att ta' l-Aġenzija li hemm riferenza għalih fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 53 tat-Trattat jista' jkun riferit lill-Kummissjoni mill-parti interessata fi żmien ħmistax-il jum mir-ricevuta tan-notifika jew fin-nuqqas ta' notifika fi żmien ħmistax-il jum wara l-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas kemm ta' notifika u kif ukoll ta' pubblikazzjoni il-perjodu għandu jiddekorri mill-jum li fih il-parti interessata ssir taf dwar l-att.

Artikolu IX

Direttur Ġenerali u Persunal

1. Id-Direttur Ġenerali jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-Aġenzija. Fl-eventwalità tal-mewt, tkeċċija jew assenza tiegħu, jew jekk ikun b'xi mod ieħor impedut milli jagħmel id-drimijiet tiegħu, id-deputat Direttur Ġenerali għandu jaġixxi minfloku.

2. Id-Direttur Ġenerali għandu jirrappreżenta l-Aġenzija kemm ġuridizzjarjament u kif ukoll fi kwistjonijiet oħra. Il-Kummissjoni tista' tirrappreżenta l-Aġenzija f'kull proċedura ġudizzjarja li ssir kontra d-Direttur Ġenerali.

3. Id-Direttur Ġenerali safejn jikkonsidra meħtieġ jista' jiddeleġa s-setgħat tiegħu lid-deputat Direttur Ġenerali jew lil persuni oħra. Huwa jista' jawtorizzahom li jirrappreżentawh individwalment u solidalment.

Is-setgħat delegati mid-Direttur Ġenerali jew mid-deputat Direttur Ġenerali ma għandhomx ikunu revokati unikament għarraġuni tal-mewt tal-persuna li tkun delegathom.

4. Id-Direttur Ġenerali u d-Deputat Direttur Ġenerali għandhom ikunu maħtura u jekk ikun hemm lok, imkeċċija mill-Kummissjoni. Huma ma għandhomx jaġixxu bħala aġenti tal-Kummissjoni. Id-Direttur Ġenerali u d-Deputat Direttur Ġenerali meta jkun qiegħed jaġixxi minfloku, għandhom ikun responsabbli lejn il-Kummissjoni għall-amministrazzjoni tagħhom ta' l-Aġenzija. Huma għandhom f'kull żmien joqogħdu għall-kontroll tal-Kummissjoni u għandhom jagħtuha rendikonti skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu xvi ta' dawn l-Istatuti u skond id-direttivi maħruġa mill-Kummissjoni.

Artikolu X

Komposizzjoni Tal-Kumitat Konsultattiv

1. Kumitat Konsultattiv ta' l-Aġenzija għandu jkun kostitwit b'erbgħa u għoxrin membru.

2. Is-siġġijiet għandhom ikunu allokati lill-persuni ta' l-Istati membri kif ġej:

Belġu	3 Membri
Ġermanja	6 Membri
Franza	6 Membri
Italja	6 Membri
Olanda	3 Membri

3. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv għandhom jkunu maħtura mill-Kunsill, li jagixxi fuq proposta ta' l-Istati Membri u wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni, minn rappreżentanti ta' produtturi u utenti u minn esperti kwalifikati f'livell għoli.

Persuni ġuridiċi jistgħu jkunu maħtura bħala membri tal-kumitat bil-kondizzjoni li jkunu rappreżentati fil-perjodu kollu tal-kariga tagħhom minn persuna debitament awtorizzata għal dan l-iskop.

4. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu maħtura għal perjodu ta' sentejn. Huma jistgħu jkunu maħtura mill-ġdid. Jekk membru jirizenja jew ma jkunx jista' jezerċita d-dmirijiet tiegħu, għandu jkun maħtur suċċessur b'inqas dewmien għaż-żmien li fadal tal-kariga.

Artikolu XI

Kompetenza Tal-Kumitat Konsultattiv

1. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jassisti l-Aġenzija fl-adempiment tal-kompiti tagħha permezz ta' opinjonijiet u informazzjoni. Għandu jagixxi bħala holqa bejn l-Aġenzija fuq naħa waħda u l-utenti u s-setturi interessati fuq in-naħa l-oħra.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jista' jkun konsultat mid-Direttur Ġenerali fuq il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-Aġenzija.

Il-Kumitat jista' wkoll joħroġ opinjonijiet rigward kull kwistjoni fuq l-inizjativa ta' mhux inqas minn għaxra mill-membri tiegħu.

3. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun ikkonsultat mill-kumitat konsultattiv qabel li jiehu kull deċiżjoni rigward il-kwistjonijiet li ġejjin:

(1) Il-kapital ta' l-Aġenzija, kemm miżjud kif ukoll imnaqqas jew għas-sottokrizzjoni ulterjuri għall-kapital (raba' paragrafu ta' l-Artikolu 54 tat-Trattat);

(2) Il-mod li bih ikun stabbilit piż fuq operazzjonijiet biex jissupplixxi għall-ispejjeż ta' l-Aġenzija (ħames paragrafu ta' l-Artikolu 54 tat-Trattat);

(3) It-thejjija ta' regoli ta' Aġenzija biex jiddeterminaw il-mod li bih it-talba tkun bilanċata fir-rigward tal-fornitura (sitt paragrafu ta' l-Artikolu 60 tat-Trattat);

(4) It-tħejjija ta' direttivi rigward il-ħlasijiet bil-quddiem mitluba mill-Aġenzija (tieni paragrafu ta' l-Artikolu 61 tat-Trattat);

(5) It-thejjija ta' progamm u tal-kondizzjonijiet applikabbli għall-bini ta' ħażniet kummerċjali mill-Aġenzija (l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 72 tat-Trattat);

(6) Il-kriterju għad-definizzjoni tal-prattiċi projbiti skond l-Artikolu 68 tat-Trattat;

(7) Direttivi rigward iż-żamm tal-"kont finanzjarju tal-materji speċjali fissili" (l-Artikolu 88 tat-Trattat);

(8) Is-sehem ta' l-Aġenzija fil-preparazzjoni ta' kont speċjali ta' l-Aġenzija previst mill-Artikolu 171(2) tat-Trattat;

(9) Il-preparazzjoni tal-*balance sheet* annwali u tar-rapport annwali ta' l-Aġenzija;

(10) L-istituzzjoni ta' fergħat ta' l-Aġenzija;

(11) L-istralċ ta' l-Aġenzija.

Id-Direttur Ġenerali jista', jekk ikun meħtieġ, jiffissa perjodu li fih il-kumitat konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu; dan il-perjodu ma għandux jkun inqas minn għaxart ijiem fid-data li fiha l-komunizzjoni għal dan il-għan tkun tintbagħtet lill-President tal-Kumitat.

Jekk l-opinjoni tal-Kumitat ma tistax tinkiseb f'dan il-perjodu, id-Direttur Ġenerali ma jkunx obbligat li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu jew isejjaħ laqgħa oħra.

Id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Direttur Ġenerali u li huma konnessi mal-materji speċifikati f'dan l-Artikolu ma għandhomx jittieħdu sakemm ma jkunux għaddew ħmistax-il jum minn meta l-opinjoni ngħatat lill-kumitat konsultattiv, jekk dawk id-deċiżjonijiet ma jaqblux ma' dik l-opinjoni.

Artikolu XII

Kumitat Konsulattiv – Uffiċjali Eżekuttivi

1. Il-Kumitat Konsultattiv kull sena għandu jeleġi President u żewġ Viċi-Presidenti. Iż-żmien ta' kariga tagħhom għandu jkun imġedded.

Il-President u l-Viċi-President għandhom ikunu l-uffiċjali eżekuttivi tal-Kumitat.

2. Dawn l-uffiċjali għandhom isejħu laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu XIII (1).

Huma għandhom iżommu l-kuntatti kollha meħtieġa għan-nom tal-Kumitat Konsulattiv.

Artikolu XIII

Kumitat Konsultattiv - Laqgħat

1. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jissejjaħ:

(a) fuq l-inizjativa ta' l-uffiċjali eżekuttivi kulmeta, fl-opinjoni tagħhom, iċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan u, f'kull okkazzjoni, malli tlett xhur ikunu għaddew mill-aħħar laqgħa tal-kumitat;

(b) fuq it-talba tad-Direttur Ġenerali, b'mod partikolari kulmeta l-konsultazzjoni tal-kumitat tkun meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3);

(ċ) fuq it-talba miktuba ta' mhux inqas minn għaxar membri tal-kumitat, li tispeċifika li l-kwistjonijiet jitniżżlu fl-aġenda.

2. Il-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv għandhom ikunu validi biss jekk mhux inqas minn-nofs il-membri jkunu preżenti.

L-opinjonijiet jistgħu jingħataw jekk ikunu approvati minn maġġoranza tal-membri preżenti jew rappreżentati.

3. Kull membru tal-Kumitat għandu dritt għal vot wieħed. Fil-każ li membru ma jkunx jista' jattendi, huwa jista' jaħtar bil-miktub membru ieħor li jivvota għan-nom tiegħu. L-ebda membru ma jista' jaħtar aktar minn membru wieħed ieħor biex jivvota għan-nom tiegħu..

Il-voti bil-mitkub jew b'telegramm huma permessi f'każijiet urġenti kemm-il darba l-Kumitat ma jagħtix deċiżjoni kontra dan.

4. Id-Direttur Ġenerali, id-deputat Direttur Ġenerali, jew persuna li tirrappreżenthom għandhom jattendu għal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv iżda ma għandhomx dritt għall-vot. Huma għandhom jipprovdu lill-Kumitat kull informazzjoni jew spjegazzjoni li jkunu meħtieġa. Madankollu, huma jkunu obbligati għas-segretezza skond l-Artikolu 194 tat-Trattat u għandhom ikunu soġġetti għar-Regolament ta' Sigurtà.

Rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Konsulattiv izda ma għandux dritt għall-vot.

5. Il-minuti tal-laqħat għandhom jirreġistraw mhux biss l-opinjonijiet li jkunu ġew adottati izda wkoll il-mozzjonijiet li jkunu ġew diskussi.

Il-minuti għandhom ikunu firmati mill-President u mis-Segretarju tal-laqgħa u għandhom jiddahhlu fi ktieb speċjali tal-minuti. Kopji ċertifikati flimkien mal-kopji tad-dokumenti kollha rilevanti għandhom jintbagħtu minnufih lill-Kummissjoni u lid-Direttur Ġenerali.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jista' adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess wara li kunsidra dawn l-Istatuti u bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu XIV

Kumitat Konsulattiv – Segretarjat

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-uffiċjali eżekuttivi tal-Kumitat Konsulattiv persunal adegwat, taħt id-direzzjoni ta' Segretarju li jkun mahtur bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Is-segretarjat għandu jipprepara l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv, tas-sottokumitati u ta' l-uffiċjali eżekuttivi.

3. L-ispejjeż għat-tħaddim tal-Kumitat Konsultattiv għandhom jitħallsu mill-Aġenzija.

Artikolu XV

Kumitat Konsultattiv - Segretezza

Id-Direttur Ġenerali, id-deputat Direttur Ġenerali, il-persunal ta' l-Aġenzija u l-membri tal-Kumitat Konsultattiv għandhom l-obbligu tas-segretezza skond l-Artikolu 194 tat-Trattat fir-rigward ta' kull fatt, informazzjoni, tagħrif, dokument jew oġġetti bla ħsara għal sistema ta' gradazzjoni ta' sigurtà li jiġu fil-pussess tagħhom jew ikunu komunikati lilhom.

Artikolu XVI

1. Is-sena finanzjarja tiddekorri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

2. Id-Direttur Ġenerali għandu jipprepara u jadotta l-estimi fir-rigward ta' l-ispiża għat-tħaddim ta' l-Aġenzija; huwa għandu jassigura l-implimentazzjoni tal-budget.

3. L-estimi għandhom jingħataw mhux aktar tard mill-20 ta' Settembru lill-Kummissjoni li, minkejja l-Artikolu VIII (2) ta' dawn l-Istatuti, għandha xahar żmien biex teżerċita d-dritt tagħha tal-veto.

4. *Balance-sheet* sal-31 ta' Diċembru flimkien ma' anness li fih il-kontijiet tan-negozju għandha titħejja kull sena. Għandha

tingħata mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu lill-Bord tal-Verifika stabbilit fl-Artikolu 180 tat-Trattat, li għandu jirrapporta dwar il-kontijiet lill-Aġenzija.

5. Id-Direttur Ġenerali għandu kull sena jħejji rapport rigward l-operazzjonijiet tas-sena precedenti.

6. Il-Kummissjoni għandha tirċievi l-*balance sheet*, il-kont tan-negozju, ir-rapport tal-Bord tal-Verifika u r-rapport tad-Direttur Ġenerali mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju u għandha teħles lil dan ta' l-aħħar mid-dmirijiet tiegħu.

Id-dokumenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu annessi mal-kontijiet tas-sena finanzjarja preċedenti, fir-rigward ta' kull budget separat, li jkun ippreżentat ta' kull sena mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Assemblea skond id-dispożizzjonijiet tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 180 tat-Trattat.

Magħmul fi Brussell, fis-6 ta' Novembru 1958.

Għall-Kunsill

Il-President

S. BALKE

Skond l-Artikolu 222 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, l-Aġenzija għandha tibda d-dmirijiet tagħha fid-data maħtura mill-Kummissjoni.